Nru./No. 21,485
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 11 ta' Awwissu, 2025
Monday, 11th August, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 10,721
Government Notices *10,721*

Avviżi tal-Gvern ..... 10,721 - 10,722
Notices ..... *10,721 - 10,722*

Avviżi tal-Qorti ..... 10,722 - 10,724
Court Notices ..... *10,722 - 10,724*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1258

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XXX tal-2025 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda Diversi Liġijiet dwar it-Taxxa.

Il-11 ta' Awwissu, 2025

Nru. 1259

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	9.8.2025 - 16.8.2025

Il-11 ta' Awwissu, 2025

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Is-Siġġiewi.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-11 ta' Awwissu, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 1258

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXX of 2025 entitled the Various Revenue Laws (Amendment) Act.

11th August, 2025

No. 1259

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has approved the following Acting Appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	9.8.2025 - 16.8.2025

11th August, 2025

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Is-Siġġiewi.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

11th August, 2025

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar it-Tlieta, 12, l-Erbgħa, 13 u l-Ħamis, 14 ta' Awwissu, 2025 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Is-Siġġiewi.

Il-kandidati jistgħu jissottomettu n-nomina tagħhom onlajn permezz tal-link (https://electoral.gov.mt/nominations) mill-10.00 a.m. tat-Tlieta, 12, ta' Awwissu, 2025 sa nofsinhar tal-Ħamis, 14 ta' Awwissu, 2025 (ħin ta' Malta).

Il-kandidati prospettivi huma avżati li jridu jippreżentaw il-Karta tal-Identità tagħhom. F'każ li l-formola tan-nomina se tiġi ppreżentata mir-rappreżentant tal-kandidat minħabba raġuni ta' mard u safar, ir-rappreżentant għandu jissottometti prokura mill-kandidat li tkun speċifika għal dan il-għan u awtentikata minn Nutar Pubbliku. Ma' kull nomina għandu jsir depożitu ta' €90.

Il-Kummissjoni Elettorali tavża wkoll li se tkun qed tivverifika l-validità tal-kandidatura/i sottomessi nhar it-Tnejn, 18 ta' Awwissu, 2025 sa nofsinhar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-11 ta' Awwissu, 2025

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, on Tuesday 12th, Wednesday, 13th and Thursday, 14th August, 2025 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Is-Siġġiewi.

Candidates may submit their nomination online through the link: (https://electoral.gov.mt/nominations) from 10.00 a.m. of Tuesday 12th August, 2025 till noon of Thursday, 14th August, 2025 (Malta time).

Prospective candidates are advised that they must present their Identity Card. In case of illness or being abroad, the nomination form needs to be submitted by a representative of the candidate. The representative must present a power of attorney drawn up exclusively for the purpose and authenticated by a Notary Public. A deposit of €90 is applicable with every nomination.

The Electoral Commission also notifies that it will verify the validity of the submitted candidature/s on Monday, 18th August, 2025 till noon.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

11th August, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2053

B'digriet tas-27 ta' Settembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Lulju, 2025, fuq rikors ta' 35°14° Capital SCC plc (C105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie ffissat il-jum tat-

By a decree given on the 27th September, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th July, 2025, on the application of 35°14° Capital SCC plc (C105471) acting on behalf of Cell Couros, Tuesday,

Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

L-appartament fi stat ta' ġebel u saqaf, internament immarkat bin-numru wieħed (1), li jinsab fl-ewwel sular (first floor) u li jifforma parti minn blokk ta' bini nnumerat ħamsa u tmenin (85) fi Triq il-Karmnu, kantuniera ma' Triq Titu Brandsma, Il-Fgura. L-appartament huwa sottostanti u sovrastanti proprjetà ta' terzi, bi dritt ta' użu perpetwu u mhux interrott mal-appartamenti l-oħra fl-istess blokk fosthom il-kuritur li jwassal għal taraġ u bokka tal-lift u jgawdi minn servitu ta' xaft fejn hemm il-komunikazzjoni għall-provista tal-ilma u d-drenaġġ tal-kamra tal-banju u tal-ensuite, mingħajr l-arja tal-bejt, iżda mixtri bid-dritt li jiġu installati tank tal-ilma u dixx tas-satellita, kif ukoll bid-dritt għall-aċċess fejn Ikun hemm bżonn ta' manutenzjoni u/jew tiswija ta' ħsarat tal-istess installazzjoni, ħieles minn kull xorta ta' ċens jew piżijiet oħra li jistgħu jikkompromettu jew jillimitaw l-użu tiegħu u dan kif deskritt fl-att tal-akkwist datat is-sittax ta' Lulju, tas-sena elfejn u tmienja (16.7.2008) fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Lia u stmat li jiswa mitejn u ħamsa u għoxrin elf ewro (€225,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Aquilina Carlos (KI 500489M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 37/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

09th December, 2025, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property.

The apartment in shell form, internally marked number one (1), situated at first floor level, and which forms part of a block of building numbered eighty five (85) in Carmel Street, corner with Triq Titu Brandsma, Fgura. The apartment overlies and underlies third party property, and has the right of perpetual and uninterrupted use with the other apartments in the block of buildings including the corridor leading to the stairs and the lift shaft, and enjoys from the shaft servitude where there is the communication for the water provision and drainage of the bathroom and of the ensuite, without its airspace, however bought with the right to install a water tank and a satellite dish, as well as with the right of access in case of maintenance and/or repairs of damages of the same installations, free from any ground rents or other burdens that may compromise or limit its use, and this as described in the acquisition act dated sixteenth July, of the year two thousand and eight (16.7.2008) in the acts of Notary Dr Joseph Lia and is valued at two hundred and twenty five thousand euro (€225,000).

The said tenement is the property of Aquilina Carlos (ID 0500489M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 37/2024.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 8th August, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2054

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-25 ta' Lulju, 2025, u dan wara Rikors b'numru 679/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni ai termini tal-Artikolu 257 (1) (b) tal-Kodiċi Ċivili fuq l-Att tat-Twelid ta' Anna Elizabeth Farrugia meta dan jiġi biex Ikun reġistrat f'Malta illi tkun turi t-tibdil kollu li seħħ fl-isem u l-kunjom permezz ta' żewġ Deed Polls, u ċoè illi skont Deed Poll datata tlettax (13) ta' Settembru, 2023, ir-rikorrenti uffiċjalment bidlet isimha minn 'Anna Elizabeth' għal 'Anna Malka Elizabeth' u kunjomha minn 'Farr' għal 'Cohen-Farrugia', kif ukoll illi skont Deed Poll oħra datata inqas minn xahrejn wara u ċoè nhar it-Tlieta (3) ta' Novembru, 2023, reġgħet bidlet isimha uffiċjalment minn

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 25th July, 2025, and upon an application numbered 679/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the annotation in terms of Article 257(1)(b) of the Civil Code on the Act of Birth of Anna Elizabeth Farrugia when it comes to be registered in Malta, to show all the changes that occurred in the name and surname through two Deed Polls, namely that according to a Deed Poll dated the thirteenth (13th) of September, 2023, the applicant officially changed her name from 'Anna Elizabeth' to 'Anna Malka Elizabeth' and her surname from 'Farr' to 'Cohen-Farrugia'; as well as that according to another Deed Poll dated less than two months later, that is, on Tuesday the third (3rd) of November, 2023,

'Anna Malka Elizabeth' għal 'Anna Elizabeth' u kunjomha minn 'Cohen-Farrugia' għal 'Farrugia'.

she officially changed her name again from 'Anna Malka Elizabeth' to 'Anna Elizabeth' and her surname from 'Cohen-Farrugia' to 'Farrugia'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa 8 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday 8th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2055

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-5 ta' Awwissu, 2025, u dan wara Rikors b'numru 459/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid numru 5067/1982 biex kunjom Michael John Murray-Curtis jiġi mibdul minn 'Murray' għal 'Murray-Curtis' u sabiex fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 1413/1970 isem u kunjom ir-raġel jiġu mibdula minn 'Michael John Stewart Murray Changed to Stewart Murray-Curtis by Deed Poll 20 June 1967' (kif jidher fuq l-Att taż-Żwieġ) għal 'Michael John Murray-Curtis' u finalment sabiex it-tibdil fil-kunjom għal 'Murray-Curtis' jiġi estiż ukoll għal kunjom li l-mara addottat wara ż-Żwieġ fl-Att taż-Żwieġ numru 1413/1970.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 5th August, 2025, and upon an application numbered 459/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Birth number 5067/1982 so that the surname Michael John Murray-Curtis is changed from 'Murray' to 'Murray-Curtis', and so that in the Act of Marriage number 1413/1970 the name and surname of the husband are changed from 'Michael John Stewart Murray Changed to Stewart Murray-Curtis By Deed Poll 20 June 1967' (as appears on the Act of Marriage) to 'Michael John Murray-Curtis', and finally so that the change of surname to 'Murray-Curtis' is also extended to the surname adopted by the wife after the marriage in the Act of Marriage number 1413/1970.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis 7 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday 7th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2056

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-31 ta' Lulju, 2025, u dan wara Rikors b'numru 630/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid bin-numru 2410/2022 ta' Roberto Alexandre Vieira Ribeiro biex l-isem tar-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Roberto Alexandre' għal 'Roberto Alexandre Vieira'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 31st July, 2025, and upon an application numbered 630/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Birth number 2410/2022 of Roberto Alexandre Vieira Ribeiro so that the name of the applicant is changed from 'Roberto Alexandre' to 'Roberto Alexandre Vieira'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta 5 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday 5th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603